MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 307/2006

**Edward Tanti**

**vs**

**Ananbeh Abdel Hafez u Sabah Mahmoud Ali Alerigat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih l-attur ippremetta:

1. Ir-rikorrent ikkonceda b`mera tolleranza lill-intimat l-uzu ta` wahda mill-kmamar, mhux maqfula, tal-fond proprjeta` u residenza ordinarja tieghu fl-indirizz: 38, Brighella Street, Hamrun flimkien ma` xi oggetti mobiljari li kien hemm fl-istess kamra;

2. Fi Frar 2006 l-intimat Ananbel Abdel Hafez introduca gewwa l-fond lil martu l-intimata l-ohra Sabah Mahmoud Ali Alerigat minghajr il-kunsens tar-rikorrenti Edward Tanti;

3. Bejn nhar is-Sibt u Hadd, wiehed (1) u tnejn (2) ta` April, 2006, l-intimati jew minn minnhom abbusivament, illegalment u klandestinament, bi vjolenza biddlu is-serratura tal-bieb principali ta` barra tal-fond 38, Brighella Street, Hamrun u cahhadu lir-rikorrenti u l-familthu mill-pussess u tgawdija tal-istess fond u b`hekk dan l-agir qed icahhad lir-rikorrent mid-drittijiet tieghu li jaccedi u jabita gol-fond imsemmi;

4. L-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jirripristinaw il-fond fl-istat li kien qabel u jirrenduh vakanti, sahansitra mill-pulizija ezekuttiva, baqghu inadempjenti;

5. Ir-rikorrent ghamel rapport mal-pulizija rigward l-akkadut;

6. Bl-agir illegali taghhom l-intimati jew min minnhom ikkommettew spoll fil-konfront tal-attur u qed jimmolesta lill-istess attur fil-pussess u/jew detenzjoni tad-dritt tieghu ta` abitazzjoni gol-fond fuq imsemmi bi ksur *inter alia* tal-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tapplika s-sanzjonijiet u komminazzjonijiet previsti mill-Ligi kontra l-intimati jew minnhom;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. **TIDDIKJARA** u **TIDDECIEDI** li l-ghemil u l-agir suddett tal-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi spoll li qed isir bi ksur tal-ligi, *inter alia* bi ksur tal-artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. **TORDNA** illi r-rikorrent jigi mqieghed mill-gdid fil-pussess/detenzjoni effettiv tad-drittijiet tieghu u tirreintegra lir-rikorrent fid-dritt tieghu fil-fond 38, Brighella Street, Hamrun minghajr xkiel u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti;

3. **TIPPREFIGGI** terminu qasir u perentorju sabiex l-intimati jew min minnhom inehhu s-serraturi minnhom maghmula u li taghha r-rikorrent m`ghandux cavetta u li qed tostakola l-access ghal gol-fond imsemmi;

4. **TORDNA** illi fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jaghmlu dak lilhom ordnat, ir-rikorrent jkun awtorizzat sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji huma stess a spejjez tal-istess intimati jew min minnhom;

**BL-ISPEJJES** kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut Ananbeh Abdel Hafez li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat li l-konvenuta l-ohra Sabah Mahmoud Ali Alerigat, ghalkemm debitament notifikata, naqset li tipprezenta risposta, u hekk baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut u mill-analizi tal-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut u fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b`dan li ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba tiffissa terminu ta` sitt (6) ijiem sabiex isir dak kontemplat fl-istess talbiet.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------